L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 22 ta' April 2005

## Amministrazzjoni inefficjenti

Kultant zmien jigrilek li jkollok diversi qadjiet zghar li minhabba li jkollok xi ftit hin fuq ir-rih tlaqqaghhom f'daqqa u taghmilhom. Ricentament hekk ghamilt. Bhala bniedma li minn esperjenza bhal din nipprova niehu li nista', zmien bhal dan iservini biex nifhem jekk ikunx hemm xi titjib (imqar ta' servizz) f'xi dipartiment tal-Gvern jew tibdiliet ohrajn.

Kelli bzonn inhallas il-licenzja tal-karozza biex tkun tista' tidhol il-Belt. Kont bghatt cekk bil-posta li ma giex accettat ghax riedu l-licenzja l-qadima f'idejhom biex jaghtuni licenzja gdida bil-'V'.

Ghalhekk minkejja li pprovajt ninqeda bil-posta, xorta spiccant kelli nitla' u nikkkjuwja biex ninqeda. U dan meta l-licenzja kienet imhallsa. Nemmen li forsi jista' jkun hemm ragunijiet ta' sigurta' ghala l-licenzja l-qadima tingabar Izda wara kollox, setghu baghtuli licenzja gdida u obbligawni f'certu zmien nibghat l-ohra. Pero' mid-dehra l-kjuwijiet li qieghed ikun hemm barra l-Awtorita' tat-Trasport m'humiex qeghdin ikunu bizzejjed.

Li kien interessanti wkoll kien il-fatt li jekk wiehed kien ihares lejn in-nies jistennew fil-kju kien jinduna li minkejja li kulhadd ghandu l-obbligu tal-licenzja fi kju shih ma kien jidher l-ebda wicc familjari ta' xi avukat, jew tabib jew professjnisti ohrajn. Probabbilment dawk jirrangaw mod iehor! Bilfors! Nemmen li certi professjnisti, jibghatu nies impjegati maghhom jew qraba (bhal pensjonanti) li ghandhom inqas x'jaghmlu - ghax inkella jitilfu gurnata xoghol. Izda bl-istess ragunament - mela min jaqla' 30 lira kuljum ma jitlifx il-gurnata tax-xoghol, u min jaqla' bejn 10 jew 15 -il lira kuljum jitlifha. Jew inkella jitlef gurnata mil-'leave' tieghu.

Kien hemm xi  nies li wara kju bhal dak, bhas-soltu, sahansitra jintbaghtu lura - per ezempju ghax ma jkunux jistghu jhallsu b'cekk l-ammont ta' flus dovuti. U dan wara li jkunu ghamlu xi siegha fil-kju.

Li ghadni m'ghidtx pero' huwa l-fatt li dan kien it-tieni tentattiv tieghI li nhallas il-licenzja. Fl-okkazjoni ta' qabel ridt immur zewg bnadi ohra biex nghmel qadjiet f'dipartimenti tal-gvern u malli fl-ahhar wasalt l-Ufficcju tal-Licenzji ndunajt li jaghlaq f'nofsinhar!

Biex tinqeda f'ufficcji tal-Gvern trid talloka certu hin. Hafna mill-hinijiet ghall-pubbliku jkunu mit-8.30 jew id-9a.m. Ghalkemm veru li qieghda issir drawwa li l-kju jibda ningema' mis-sitta ta' fil-ghodu f'certi postijiet xorta wahda, ovvjament, il-kju jibda jinqeda f'dawn il-hinijiet.

Ic-cittadini qeghdin jehduha fuq spallejhom biex f'nofs ta' nhar jaghmlu zewg qadjiet u mhux wahda.

Ma ninsewx li hafna mid-Dipartimenti tal-Gvern ecc. qeghdin il-Belt. Dan ifisser li jew taghmel hin twil fit-traffiku biex tidhol il-Belt (u anke jekk tipparkja l-Furjana ghandek hin twil biex tasal s'hemm), jew taghzel li titla' b'tal-linja. Personalment nippreferi ta' l-ahhar.

Ammont iehor ta' hin tridu biex tipparkja jekk titla' bil-karozza. Ammont ta' hin indefinit (ghax ovvjament qatt ma jista' jigi kkalkulat minn qabel) ghandu jigi allokat ghall-kjuwijiet, m' m'ghandniex xi nghidu.

Jerga' trid ammont ta' hn biex, jekk ikollok bzonn aktar minn dipartiment wiehed fil-Belt trid timxi minn post ghall-iehor. Gieli gejt f'sitwazzjoni li (ghalkemm naf kulldipartimetn fejn hu ezatt u ghalkemm inkun ipprogrammajt kollox minn qabel) nispicca nifsi maqtugh nipprova nlahhaq biex naghmel applikazzjoni ghal dokument jew nikseb dokument minghand it-tieni dipartiment jew ufficcju.

Huwa fil-fatt normali li tigI bzonn iktar minn dipartiment wiehed, per ezempju jkollok bzonn l-Insinwa u d-Dipartiment ta' Servizzi Socjali f'daqqa, jew l-Insinwa u r-Registru ta' l-artijiet, jew l-Insinwa u l-Arkivji Notarili.

Ghaliex jingabru kjuwijiet kbar? Ma tantx hemm x'wiehed jifhem. Biex jigu ffrankati pagi ta' haddiema ohrajn. Izda jien nistaqsi: Jekk licenzja ghall-Belt tiswa Lm 50 - bil-hlas tal-licenzja tieghi l-Awtorita' m'ghandhiex biex thallas haddiem ghal gimgha?

Ghajb ghax nippretendi servizz tajjeb. Kulhadd jaf, specjalment fil-kaz tal-licenzji kif gholew licenzji ta' vetturi kummercjali, trakkijiet u muturi. Possibbli b'din il-kompjuterizzazzjoni kollha l-Awtorita' tat-Trasport ghanha daqshekk 'overheads'?

Dan jekk kull 52 persuna li jhallsu l-licenzja ta' vettura normali ghall-Belt diga fdew (jew kwazi) paga ta' skrivan. Per ezempju l-fatt li t-triq tal-Floriana maghluqa affettwa l-andament tat-traffiku. Dan Izda qatt ma jittiehed pero' in konsiderazzjoni mill-ufficcji li jistghu jaghmlu

arrangamenti temporanji biex sakemm it-toroq ikunu maghluqin jestendu l-hinijiet tal-ftuh taghhom.

Kollox jibqa' l-istess u dejjem jikber l-inkonvenjent ghac-cittadin. Ma nassumix li kulhadd jiflah jew jista' jigri minn dipartiment ghall-iehor b'facilita'. Lanqas ghandna nassumu li jekk ghandek gurnata 'leave' li allokajtha ghal giri bhal dan se jkun temp sabih. Tista' tkun ix-xita jew xemx tizreg. Dawn kollha huma affarijiet li ma nistghux nevitawhom. Li nistghu nbiddlu pero' - huma l-hinijiet tal-ftuh ta' certi dipartimenti!

Dawk nistghu nirrangawhom u kif! It-temp u l-limitazzjonijiet fizici m'humiex fil-kontroll taghna izda l-hinijiet tal-ftuh huma fil-kontroll . . . tal-Gvern.

**Gabra ta' hinijiet tal-ftuh**

It-tabella ta' hawn taht titkellem wahedha. Gbart il-hinijiet tal-ftuh ta' diversi ufficini li bniedem jista' jigi bzonn hafna drabi iktar minn wiehed f'daqqa.

Jidher li ghall-kuntrarju ghal li wiehed jahseb l-ufficini legali u l-Qorti huma l-iktar li jaghtu hin ( li ilhom stabbiliti bil-ligl minn jaf kemm).

Lufficcju tal-VAT jidher li hemm xi idea ta' hinijiet tajbin ghac-cittadini u tidher li kumpaniji li qeghdin jigu privatizzati jidhru li qeghdin jaqdu lic-cittadini ahjar. Inhalli f'idejkom tippruvaw tifhmu ghala.

**Dipartimenti tal-gvern**

| **Dipartiment** | **Post** | **Hin ta' l-eghluq** |
|---|---|---|
| Kondotti - Kwartieri tal-Pulizija | Floriana | Nofs in-nhar |
| Dipartiment Sigurta' Socjali | Belt | Nofs in-nhar |
| Registru taz-Zwigijiet | Belt | Saghtejn |
| Ufficcju Passaporti | Belt | Saghtejn |
| Ufficcju tal-Karti ta' l-identita' | Belt - Sant'Iermu | Nofs in-nhar |
| Ufficcju tal-Licenzji | Floriana | Sal-kwarta |
| Arkivji Notarili | Belt | Sal-Kwarta |
| | | Mis-1.30 - 4.45p.m. |
| | | |
| Qrati tal-Gustizzja | Belt | 3 p.m. |
| Korporazzjoni ta' l-Ilma | Belt | 7.30 - 4.45p.m. |
| Maltacom | Floriana (u ohrajn) | 8.30 - 4.30p.m. |
| Skejjel | Lokalitajiet differenti | 2.15p.m. - 2.30p.m. |